KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.2.2009
KUMM(2009) 67 finali

2009/0026 (COD)

-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 dwar it-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u l-bidla tal-limiti għall-finanzjament tagħhom

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-għan ta' din il-proposta hu li tadatta d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati, b'kunsiderazzjoni tal-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil, li fil-mandat tiegħu ser ikun responsabbli għal ċerti operazzjonijiet li sal-lum kienu ffinanzjati mill-Fond.

- **L-isfond ġenerali: l-isfidi l-ġodda fil-politika dwar l-ażil u l-ħolqien tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil**

Il-Fond Ewropew għar-Refuġjati (FER) kien stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE[1], skont l-Artikolu 63, punt 2 (b) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Il-proposta tar-Regolament dwar il-ħolqien tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil kif ukoll din il-proposta tal-emenda tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-FER 2008-2013 huma parti mill-isforzi tal-Unjoni Ewropea maħsuba biex ifasslu politika globali fil-qasam tal-ażil. L-għan tagħhom hu li jwieġbu t-talbiet tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew, li talbu għall-ħolqien ta' struttura ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil u li jagħmlu parti mill-qafas tal-ħidmiet mħabbra mill-pjan ta' azzjoni fil-qasam tal-ażil adottat f'Ġunju 2008 mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tipproponi li twaqqaf Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil, li ser jieħu l-forma istituzzjonali ta' aġenzija regolatorja, u li ser ikun responsabbli għall-faċilitazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil kif ukoll għall-kontribuzzjoni għas-sostenn tal-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

L-Uffiċċju ser ikollu l-forma istituzzjonali ta' aġenzija regolatorja u ser ikun ukoll entità mwaqqfa mill-Komunitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju. Għalhekk il-finanzjament tiegħu ser jiġi l-biċċa l-kbira minn linja tal-baġit inkluża fil-Baġit tal-Komunitajiet Ewropej. Sabiex ikunu ssupplimentati l-fondi allokati għat-tħaddim tal-Uffiċċju u fl-interess tas-simplifikazzjoni tal-użu tal-fondi Komunitarji, sakemm l-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil ser ikun responsabbli għal ċerti kompiti li huma attwalment iffinanzjati taħt l-FER, jidher meħtieġ li jiġu trasferuti parti mir-riżorsi tal-baġit li huma attwalment allokati lill-FER għall-benefiċċju tal-Uffiċċju, sabiex ikun żgurat li l-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil tkun iffinanzjata bl-aħjar mod.

- **Il-koerenza mal-politiki u l-għanijiet oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta li tagħmel parti bis-sħiħ mill-qafas tal-pjan ta' azzjoni fil-qasam tal-ażil adottat f'Ġunju 2008 mill-Kummissjoni, hi maħsuba, min-naħa, biex issaħħaħ il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ażil sabiex toħloq Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effiċjenti u ġusta għal dawk li jfittxu l-protezzjoni internazzjonali u, min-naħa oħra, biex issostni dan l-isforz leġiżlattiv permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil. Hi tipparteċipa bis-sħiħ mal-elementi meħtieġa għall-ħolqien tal-Uffiċċju l-ġdid ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil.

[1] ĠU L L 144, 6.6.2007, p. 1-21.

- **Elementi legali tal-proposta**
    - Sommarju tal-miżuri proposti

Il-miżuri proposti għandhom l-għan li jemendaw id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013 sabiex jiksbu, fl-interess tas-simplifikazzjoni tal-użu tal-fondi tal-Komunità, distribuzzjoni aħjar tal-fondi bejn il-FER u l-Uffiċċju l-ġdid ta' Appoġġ wropew fil-qasam tal-Ażil.

Il-proposta ta' emenda tad-Deċiżjoni dwar il-FER għandha l-għan li l-ewwel tnaqqas l-iskop tal-azzjonijiet Komunitarji previsti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar il-FER sabiex tikkunsidra t-trasferiment ta' żewġ kompiti li ser ikunu responsabbiltà tal-Uffiċċju, jiġifieri dawk imsemmija fl-Artikolu 4(2)(a) dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-Komunità fl-implimentazzjoni tal-leġi żlazzjoni tal-Komunità u l-prattiki tajbin, b'mod speċjali s-servizzi tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni li jsostnu din il-kooperazzjoni, u min-naħa oħra, dawk imsemmija fl-Artikolu 4(2)(f) dwar l-appoġġ tal-elaborazzjoni u l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-għodda statisti ċi, metodi u indikaturi komuni biex ikejlu l-progress mwettaq fil-qasam tal-politika dwar l-ażil.

It-tieni nett, sabiex jitqies it-tnaqqis fl-ambitu ta' dawn l-azzjonijiet Komunitarji, il-limitu tal-finanzjament tagħhom, previst fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni dwar il-FER ser jitnaqqas minn 10% tar-riżorsi disponibbli tal-Fond għal 4%.

Barra minn hekk hu propost li l-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni dwar il-FER għandu jonqos sabiex ir-riżorsi jsiru disponibbli biex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-Uffiċċju. B'konsegwenza l-ammont ta' EUR 628 miljun, imsemmi fl-Artikolu 12(1) tad-De ċiżjoni dwar il-FER, ser jitnaqqas għal EUR 614 miljun (dan l-ammont il-ġdid jikkunsidra kemm iż-żieda ta' EUR 10 miljuni deċiżi mill-awtorità tal-baġit fil-baġit tal-2009 kif ukoll it-tnaqqis ta' EUR 24 miljun għat-tnaqqis tal-ambitu tal-azzjonijiet Komunitarji).

Il-proposta ta' emenda tad-Deċiżjoni dwar il-FER ma tbiddilx l-għanijiet ġenerali tal-FER.

- Il-bażi legali

Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 63(2)(b) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li hu l-bażi legali tal-att emendat.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-ħtieġa ta' bilanċ bejn l-isforzi magħmula mill-Istati Membri fil-qafas tal-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil teħtieġ sforz f'termini finanzjarji maħsuba kemm biex ineħ ħu l-piż minn fuq l-Istati Membri l-iktar milquta kif ukoll biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri li l-infrastrutturi u s-servizzi tagħhom tal-ażil mhumiex biżejjed u b'hekk timplika distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet fuq livell tal-Unjoni Ewropea, distribuzzjoni li ma tistax tkun żgurata mill-Istati Membri waħedhom. Dan il-prinċipju kien rikonoxxut għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 573/2007/KE. Dan l-att jikkostitwixxi emenda sempliċi tal-att bażiku li nħoloq mid-Deċiżjoni 573/2007/KE li tistabbilixxi l-FER. Għal dan l-għan, l-istess prinċipji japplikaw għal din il-proposta ta' emenda.

2009/0026 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refu ġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 dwar it-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u l-bidla tal-limiti għall-finanzjament tagħhom

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[5]

Billi:

(1) Il-politika Komunitarja dwar is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, għandha l-għan, skont it-termini tal-Programm tal-Aja, li twaqqaf żona komuni ta' azil, permezz ta' proċedura armonizzata effettiva skont il-valuri u t-tradizzjoni umanitarja tal-Unjoni Ewropea.

(2) Inkiseb ħafna progress f'dawn l-aħħar snin, permezz tal-implimentazzjoni ta' standards minimi komuni, lejn il-waqfien ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Madankollu, għad hemm diverġenzi qawwija bejn l-Istati Membri fl-għotja ta' protezzjoni internazzjonali u l-forma li din tieħu.

(3) Il-Kummissjoni, fil-pjan ta' azzjoni tagħha fil-qasam tal-ażil[6], li adottat f'Ġunju 2008, ħabbret l-intenzjoni tagħha li, min-naħa, taħdem għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil billi tipproponi reviżjoni tal-istrumenti leġiżlattivi ma ħsuba għal armonizzazzjoni iktar b'saħħitha tal-istandardsnormi li huma fis-seħħ, u min-naħa oħra, li ssaħħaħ s-sostenn għall-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri, l-iktar billi tippreżenta proposta leġiżlattiva bil-ħsieb li toħloq Uffiċċju ta'

---

2 ĠU C […] ta' […], p. […].
3 ĠU C […] ta' […], p. […].
4 ĠU C […] ta' […], p. […].
5 L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta'...
6 COM(2008) 360 finali

Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil, li jippermetti ż-żieda tal-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri sabiex jiġu implimentati b'mod effiċjenti r-regoli komuni.

(4) Il-Kunsill fakkar fil-Patt Ewropew dwar l-immigrazzjoni u l-ażil adottat f'Settembru 2008 li kull barrani li hu ppersegwitat għandu d-dritt li jikseb għajnuna u protezzjoni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Hu qabel b'mod espressiv mat-twaqqif fl-2009 ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil.

(5) Il-kooperazzjoni prattika fis-settur tal-ażil għandha l-għan li żżid il-konverġenza tal-proċess deċiżjonali tal-Istati Membri fil-qasam tal-ażil, fi ħdan il-qafas leġi żlattiv Ewropew. Fis-snin riċenti saru diġà numru sostanzjali ta' attivitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni, l-aktar f'approċċ komuni dwar l-informazzjoni tal-pajjiż ta' ori ġini u dwar it-twaqqif ta' kurrikulu Ewropew komuni fil-qasam tal-Ażil.

(6) Sabiex dawn il-miżuri jkunu msaħħa u żviluppati, jidher li hu meħtieġ li tinħoloq struttura speċifika sabiex issostni u tikkoordina dawn il-miżuri, taħt il-forma ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil (l-Uffiċċju).

(7) Fl-interess tas-simplifikazzjoni tal-azzjonijiet ta' appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil, sakemm l-Uffiċċju jkun responsabbli għal ċerti kompiti li huma attwallment iffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati, hu xieraq li jitneħħu ċerti azzjonijiet Komunitarji previsti fl-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 b ħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill[7] 2004/904/KE sabiex ikun żgurat li l-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil tkun żgurata bl-aħjar mod.

(8) Sabiex jitqies it-tnaqqis fl-ambitu ta' dawn l-azzjonijiet Komunitarji, il-limitu tal-finanzjament tagħhom, previst fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 573/2007/KE, ser jitnaqqas minn 10% tar-riżorsi disponibbli tal-Fond għal 4%.

(9) Hu xieraq li jkun imnaqqas il-pakkett finanzjarju imsemmi fl-Artikolu 12(1) tad-De ċiżjoni Nru 573/2007/KE għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sabiex ir-ri żorsi jsiru disponibbli għall-kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-Uffiċċju,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE hi emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 4 hu emendat kif ġej:

a) Il-paragrafu 1 hu mibdul bit-test li ġej:

[7] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1.

"1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jista' jintuża sa 4 % tar-riżorsi disponibbli tal-Fond biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess għall-Komunità kollha (minn hawn 'il quddiem imsejħin "azzjonijiet Komunitarji") li jikkonċernaw il-politika dwar l-ażil u l-miżuri applikabbli għall-gruppi fil-mira msemmijin fl-Artikolu 6."

b) Fil-paragrafu 2, il-punti a) u f) huma mneħħija.

2) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 hu mibdul bit-test li ġej:

"1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2013 inkluży għandu jkun ta' EUR 614 miljun.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, […]

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
[...]	*[...]*

ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA

Proposta għad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 dwar it-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u l-bidla tal-limiti għall-finanzjament tagħhom

2. IL-QAFAS ABM / ABB

Il-qasam ta' politika kkonċernat: Qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (Titlu 18)

Attività assoċjata: Flussi ta' migrazzjoni, politiki komuni fil-qasam tal-immigrazzjoni u tal-ażil (Kapitolu 18.03)

3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (linji operattivi u linji relatati ta' għajnuna teknika u amministrattiva (ex-linji BA)) inklużi l-intestaturi tagħhom:

Qafas finanzjarju 2007-2013 : L-intestatura 3 A

Taħt il-kapitolu 18.03 Flussi ta' migrazzjoni, politiki komuni fil-qasam tal-immigrazzjoni u tal-ażil (Kapitolu 18.03)

L-Artikolu 18.03 03 : Fond Ewropew għar-Refuġjati

3.2. Tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju

2010- 2013

3.3. Karatteristiċi tal-baġit:

Linja tal-baġit	Tip ta' Nefqa		Ġdida	Kontribuzzjoni tal-EFTA	Kontribuzzjoni tal-EFTA	L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja
Fond Ewropew għar-Refuġjati	NCE	DA[8]	LE	LE	LE	Nru 3a

[8] Approprjazzjonijiet Differenzjati

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi finanzjarji (prezzijiet attwali)

4.1.1. Sommarju tal-approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AĦ)

Tip ta' Nefqa	Numru tas-Sezzjoni	2007-2009	2010	2011	2012	2013	2014 -…	Total
Approprjazzjonijiet għall-impenji (AI)	Fond Ewropew għar-Refuġjati	a	82,250	93,530	93,530	112,330		381,640
	Miżuri ta' emerġenza	a	9,800	9,800	9,800	9,800		39,200
Approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet (AP)	Fond Ewropew għar-Refuġjati	b	56,479	79,121	68,479	89,121		293,200
	Miżuri ta' emerġenza	b	9,800	9,800	9,800	9,800		39,200
Għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)	Fond Ewropew għar-Refuġjati	c	0,500	0,500	0,500	0,500		2,000
Għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)	Miżuri ta' emerġenza	c	0,200	0,200	0,200	0,200		0,800
Approprazzjoniji et għall-impenji		**a+c**	**92,750**	**104,030**	**104,030**	**122,830**		**423,640**
Approprjazzjoniji et għall-ħlasijiet		**b+c**	**66,979**	**89,621**	**78,979**	**99,621**		**335,200**
Riżorsi umani u spejjeż assoċjati (NDA)	8.2.5	d	12,680	14,030	15,120	15,380		57,21

Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6	e	0,761	0,776	0,792	0,808		3,137

TOTAL tal-AI, inkluż l-ispiża tar-riżorsi umani		a+c+d+e	106,191	118,836	119,942	139,018	483,987
TOTAL tal-AII inkluż l-ispiża tar-riżorsi umani		b+c+d+e	80,420	104,427	94,891	115,809	395,547

Dettalji tal-kofinanzjament

Jekk il-proposta tipprevedi kofinanzjament min-naħa tal-Istati Membri, jew minn entitajiet oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' kofinanzjament fit-tabella hawn taħt (jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali jekk jiġu previsti diversi entitajiet għall-provvediment tal-kofinanzjament):

Miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

L-entità ta' kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
……	f							
TOTALI tal-AI inkluż il-kofinanzjament	a+c +d+ e+f							

4.1.2. Il-kompatibbiltà mal-ipprogrammar finanzjarju

X Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju futur 2007-2013

☐ Din il-proposta teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti tal-perspettivi finanzjarji.

☐ Din il-proposta tista' teħtieġ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[9] (dwar l-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettivi finanzjarji).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-dħul

x Il-proposta m'għandhiex impatt fuq id-dħul

~~x~~☐ L-impatt finanzjarju - L-effett fuq id-dħul huwa dan li ġej:

Nota: kull dettall u osservazzjoni dwar il-mod kif jinħadem l-effett fuq id-dħul g ħandu jitniżżel f'anness separat.

[9] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

miljuni ta' EUR (sal-ewwel punt deċimali)

Linja tal-baġit	Dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni						
			2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
	Dħul f'termini assoluti								
	Bidla fid-dħul	*Δ*							

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja tal-baġit ta' dħul kkonċernata, u żid l-għadd ta' ringieli xierqa mat-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja tal-baġit wa ħda.)

4.2. Riżorsi umani FTE (inklużi uffiċjali, persunal temporanju u dak estern) – ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Id-dettalji imsemmija f'din is-sezzjoni huma fir-rigward tal-Programm kollu ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni". Minħabba li l-Kummissjoni kkunsidrat is-sinerġiji fir-riżorsi umani u amministrattivi għall-ġestjoni tal-erba' fondi, id-dettal individwali għal kull fond mhuwiex mogħti.

Il-ħtiġijiet annwali	2010	2011	2012	2013
Għadd totali ta' riżorsi umani	104	115	124	126

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

5.1. Il-ħtieġa li għandha tintlaħaq fi żmien qasir jew twil

L-għan ta' din il-proposta hu li tadatta d-deskrizzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati u l-ammont allokat għal dan l-għan, b'kunsiderazzjoni tal-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Asil li fil-mandat tiegħu ser ikun responsabbli għal ċerti operazzjonijiet li sal-lum kienu ffinanzjati mill-Fond taħt azzjonijiet Komunitarji.

5.2. Il-valur miżjud tal-intervent Komunitarju, kompatibbiltà tal-proposta ma' strumenti oħrajn finanzjarji u s-sinerġiji possibbli

Il-Fond Ewropew għar-Refuġjati (FER) kien stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali

"Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE[10], skont l-Artikolu 63, (2) (b) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Il-proposta tar-Regolament dwar il-ħolqien tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil kif ukoll din il-proposta ta' emenda tad-Deċiżjoni dwar il-FER huma parti mill-isforzi tal-Unjoni Ewropea maħsuba biex ifasslu politika globali fil-qasam tal-ażil. L-għan tagħhom hu li jwieġbu għat-talbiet tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew, li talbu għall-ħolqien ta' struttura ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil u li jagħmlu parti mill-ħidmiet imħabbra mill-pjan ta' azzjoni fil-qasam tal-ażil adottat f'Ġunju 2008 mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tipproponi li twaqqaf Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil, li ser jieħu l-forma istituzzjonali ta' aġenzija regolatorja, u li ser ikun responsabbli għall-fa ċilitazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil kif ukoll għall-kontribuzzjoni għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

L-Uffiċċju ser ikollu l-forma istituzzjonali ta' aġenzija regolatorja u ser ikun ukoll entità mwaqqfa mill-Komunitajiet, kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju. G ħalhekk il-finanzjament tiegħu ser jiġi l-biċċa l-kbira minn linja tal-baġit inkluża fil-Baġit tal-Komunitajiet Ewropej. Sabiex ikun hemm kontribuzzjoni għall-finanzjament għat-t ħaddim tal-Uffiċċju u fl-interess ta' razzjonalizzazzjoni tal-infiq, u minħabba li l-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil ser ikun responsabbli għal ċerti kompiti li huma attwallment iffinanzjati taħt il-FER, hu xieraq li jkunu mnaqqsa r-riżorsi tal-baġit li huma attwallment allokati lill-FER kif ukoll li l-limitu li attwallment hu stabbilit għall-10% tar-ri żorsi globali disponibbli tal-Fond għall-finanzjament tal-azzjonijiet Komunitarji jinżel għall-4%.

5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

Il-miżuri proposti għandhom l-għan li jemendaw id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013 sabiex jiksbu, fl-interessi tas-simplifikazzjoni tal-użu tal-fondi tal-Komunità, distribuzzjoni aħjar u orjentazzjoni mill-ġdid tal-fondi bejn il-FER u l-Uffiċċju l-ġdid ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil.

Il-persentaġġ ta' 10% tal-fondi li hu attwalment allokat fil-FER fil-qafas tal-azzjonijiet Komunitarji, mill-2010 ser jinżel għal 4% kull sena, il-bqija tal-fondi ser ikunu disponibbli fl-intestatura 3A tal-qafas finanzjarju u jistgħu wkoll ikunu allokati fil-qafas tal-proċedura tal-baġit annwali għall-Uffiċċju l-ġdid sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament tiegħu.

Il-proposta ta' emenda tad-Deċiżjoni dwar il-FER ma tbiddilx l-għanijiet ġenerali tal-FER.

5.4. Il-metodi tal-implimentazzjoni (indikattivi)

Hawn taħt indika l-metodu/i magħżul/a għall-implimentazzjoni.

X ***Ġestjoni ċentralizzata***

[10] ĠU L L 144, 6.6.2007, p. 1-21.

X direttament mill-Kummissjoni

Î indirettament b'delegazzjoni lil:

Î aġenziji eżekuttivi,

entitajiet mwaqqfa mill-Kummissjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju,

Î Entitajiet pubbliċi nazzjonali/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku.

X ***Ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata***

X mal-Istati Membri

~~X~~ ma' pajjiżi terzi

6. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

6.1. Is-sistema ta' monitoraġġ

Mhux applikabbli

6.2. Il-valutazzjoni

7. Miżuri kontra l-frodi

Ġestjoni diretta ċentralizzata tal-Kummissjoni għall-azzjoni (Azzjoni tal-Komunità, infiq għall-għajnuna teknika), li hi implimentata skont ir-regoli applikabbli, kif inhuma definiti fir-Regolament Finanzjarju u l-metodi ta' applikazzjoni tiegħu. Il-kuntratti u l-għotjiet użati ser ikunu l-mudelli rakkomandati mill-Kummissjoni u ser jippermettu l-monitoraġġ mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-regoli ġenerali relatati mal-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja tal-azzjoni fl-Istati Membri ser jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti mill-awtoritajiet responsabbli kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati mal-verifiki *ex post* imwettqa mill-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. l-għanijiet tal-proposta f'termini ta' spejjeż *(approprjazzjonijiet għall-impenji f'€)*

(L-intestaturi tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati għandhom jiġu pprovduti)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2010		2011		2012		2013		Total	
			In-nru ta' riżultati	L-ispejjeż totali	In-nru ta' riżultati	L-ispejjeż totali	In-nru ta' riżultati	L-ispejjeż totali	In-nru ta' riżultati	L-ispejjeż totali	In-nru ta' riżultati	L-ispejjeż totali
Fond Ewropew għar-Refuġjati												
L-Azzjonijiet Komunitarji												
L-Azzjonijiet Komunitarji	Proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali	0,250	15	3,290	18	3,740	18	3,740	22	4,490		15,260
Sub-total tal-Azzjoni 1				**3,290**		**3,740**		**3,740**		**4,490**		**15,260**
Azzjonijiet fl-Istati Membri												
Sub-total tal-Azzjoni 2				**78,960**		**89,790**		**89,790**		**107,840**	**3.000**	**366,380**
Sub-total tal-Għan 1				*82,250*		*93,530*		*93,530*		*112,330*		*381,640*
Miżuri ta' emerġenza												
Azzjonijiet fl-Istati Membri												
Awtoritajiet responsabbli	Kofinanzjament			1,210		1,210		1,210		1,210		4,840

Miżuri ta' emerġenza	Il-proġetti			8,590		8,590		8,590		8,590		34,360
Sub-total tal-Azzjoni 3				**9,800**		**9,800**		**9,800**		**9,800**		**39,200**
Sub-total tal-Għan 1				*9,800*		*9,800*		*9,800*		*9,800*		*68,600*
SPIŻA TOTALI				**92,050**		**103,330**		**103,330**		**122,130**		**420,840**

8.2. L-infiq amministrattiv

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti bl-allokazzjoni mogħtija lid-DĠ amministrattiv fil-qafas tal-proċedura annwali tal-allokazzjoni. Id-dettalji imsemmija f'din is-sezzjoni huma fir-rigward tal-Programm kollu ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni". Minħabba li l-Kummissjoni kkunsidrat is-sinerġiji fir-riżorsi umani u amministrattivi għall-ġestjoni tal-erba' fondi, id-dettal individwali għal kull fond mhuwiex mogħti.

8.2.1. Il-persunal u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi	Persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew ta' riżorsi addizzjonali (**għadd ta' karigi/FTEs**)				
		2010	2011	2012	2013
Uffiċjali jew aġenti temporanji[11] (XX 01 01)	A*/AD	32	35	37	37,5
	B*, C*/AST	58	64	70	70,5
Il-persunal iffinanzjat[12] mill-Artikolu XX 01 02		14	16	17	18
Persunal ieħor iffinanzjat mill-Artikolu XX 01 04/05					
TOTAL		104	115	124	126

8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

Titlu	Deskrizzjoni	Għadd
Il-ġestjoni		
Il-ġestjoni		4
Definizzjoni tal-politiki u l-ipprogrammar		
Tfassil tal-politiki	Definizzjoni tal-istrateġiji, bażi legali	4

[11] Li n-nefqa għalihom MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.

[12] Li n-nefqa għalihom MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.

Definizzjoni tal-programm	Stabbiliment tal-programm annwali ta' ħidma annwali (jiġifieri deċiżjoni ta' finanzjament) u konsultazzjoni ta' bejn is-servizzi.	1
Interface mal-programmi u azzjonijiet Komunitarji xierqa	Koordinazzjoni bejn is-servizzi sabiex tiżgura komplementarità /sinerġija mal-oħrajn	2
Interface mal-Istituzzjonijiet l-oħra u l-Istati Membri	Interface mal-Kunsill / PE li jiżgura b'mod xieraq ir-rapporti, l-informazzjoni, il-mistoqsijiet, talbiet għal-laqgħat ta' informazzjoni.	2
Informazzjoni u komunikazzjoni	1. Informazzjoni u attivitajiet ta' pubbliċità 2.Il-websajt EUROPA	2
Interface mal-Kumitat, Presidenza u Segretarjat		1
L-ibbaġitjar	APS,PDB,AAR,BIP,RAL – Preparazzjoni – Segwitu - Rapport	1,5
Programm: Lqugħ, selezzjoni u attribuzzjoni tal-proġetti, impenji finanzjarji u legali		
Preparazzjoni tas-sejħiet għall-proposti		2
Ilqugħ u valutazzjoni tal-proposti/programmi multiannwali u annwali	(jinkludi wkoll il-persunal imsemmi taħt 12,13,14 u 15)	10
Deċiżjonijiet għall-għotja		0,5
Impenn finanzjarju	Preparazzjoni, segwitu u għeluq tal-impenji kollha finanzjarji + emendi sussegwenti	2
Impenn legali	Preparazzjoni, Iffirmar, għeluq tal-impenji kollha finanzjarji + emendi sussegwenti	4
Programm: Monitoraġġ tal-proġetti		
ħlas - bidu	Preprazzjoni u pproċessar tal-finanzjamenti minn qabel kollha, ħlasijiet intermedjarji u finali (inkluż id-dokumenti ta' appoġġ għall-verifika)	5
Monitoraġġ tal-proġetti	Ilqugħ u valutazzjoni tar-rapporti; talba għall-informazzjoni, proġetti ta' żjarat	20
Kuntratti, monitoraġġ u verifika		
Verifika ex-ante tat-transazzjonijiet, l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll	Implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll xierqa	3
Sistema ta' verifika	Twaqqif u kontroll tas-sistema ta' verifika tal-Istati Membri (ġestjoni maqsuma)	10
Verifika finanzjarja	Verfika Ex-post tan-nefqa / tal-implimentazzjoni	8
Verifika Interna	Verifika ta' konformità mal-ICS	3
Proċeduri ta' kuntratti	Tfassil, proċeduri u awtorizzazzjoni tal-proċeduri ta' kuntratti għall-proġetti ta' għajnuna teknika (valutazzjoni, studji, ...) inkluż JPC, helpdesk għall-proċeduri tal-kuntratti	8
Rapporti	Rapport tal-uffiċjal li jawtorizza, RAA, relazzjonijiet mal-Qorti tal-Awdituri...	2
Servizzi ta' appoġġ:		
Skedar u arkivjar	Database; skedar diġitali u fuq karta	3

Valutazjoni tal-programm	Valutazzjoni Ex ante – intermedja - Finali	3
Appoġġ tal-informatika	Żvilupp tal-għodda informatiċi speċifiċi relatati mal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni	4
Spejjeż ġenerali		
Amministrazzjoni(spejjeż ġenerali)	CIS, Traduzzjonijiet, HRM, Loġistika,...	21
		126

8.2.3. L-oriġini tar-riżorsi umani (statutorji)

Meta jkunu indikati diversi sorsi, ippreċiża n-numru tal-karigi marbuta ma' kull sors.

X☐ Karigi attwalment allokati għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jinbidlu jew jiġu estiżi

☐ Karigi preallokati fil-kuntest tal-eżerċizzju SPA/PDB għas-sena n

☐ Il-karigi li għandhom jintalbu waqt il-proċedura SPA/PDB li jmiss

☐ (Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (assenjar mill-ġdid intern)

☐ Karigi meħtieġa għas-sena n, iżda mhux previsti fl-eżerċizzju tal-APS/PDB tas-sena kkonċernata

Il-ħtiġijiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom jiġu koperti fi ħdan l-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni fil-qafas tal-proċedura ta' allokazzjoni annwali fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-baġit.

8.2.4. Infiq amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Infiq fuq it-tmexxija amministrattiva)

miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

Linja tal-baġit	2010	2011	2012	2013	TOTAL
Fond Ewropew għar-Refuġjati					
1 Għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati mal-persunal)					
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra					

Statistiċi dwar l-użu, skambji ta' informazzjoni, laqgħat tematiċi, proġetti tal-websajt, ġestjoni amministrattiva u finanzjarja infurmata inkluż għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni infurmata.	0,250	0,250	0,250	0,250	1,000
Studji (inkluż il-valutazzjoni)	0,200	0,200	0,150	0,100	0,650
Laqgħat ta' esperti	0,050	0,050	0,050	0,050	0,200
Pubblikazzjonijiet u informazzjoni	0,000	0,000	0,050	0,100	0,150
Total	0,500	0,500	0,500	0,500	2,000
Miżuri ta' emerġenza					
1 Għajnuna teknika u amministrattiva (inkluż l-ispejjeż relatati mal-persunal)					
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra					
Statistiċi dwar l-użu, skambji ta' informazzjoni, laqgħat tematiċi, proġetti tal-websajt, ġestjoni amministrattiva u finanzjarja infurmata inkluż għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni infurmata.	0,110	0,110	0,110	0,110	0,440
Studji (inkluż il-valutazzjoni)	0,080	0,080	0,080	0,080	0,320
Laqgħat ta' esperti					
Pubblikazzjonijiet u informazzjoni	0,010	0,010	0,010	0,010	0,040
Total	0,200	0,200	0,200	0,200	0,800

8.2.5. Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati li mhumiex inklużi fl-ammont ta'

referenza

miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

It-tip ta' riżorsi umani	2010	2011	2012	2013	Total
Uffiċjali u aġenti temporanji (XX 01 01)	10,98	12,08	13,05	13,18	49,29
Persunal iffinanzjat mill-Artikolu XX 01 02 (awżiljarji, SNEs, aġenti b'kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)	1,70	1,95	2,07	2,20	7,92
Spiża totali fuq riżorsi umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	**12,680**	**14,030**	**15,120**	**15,380**	**57,210**

Kalkolu - ***Uffiċjali u aġenti temporanji***

Jekk ikun applikabbli, għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1

Kull FTE hu vvalutat għal 122.000 € għal kull FTE.

Kalkolu – ***Persunal iffinanzjat mill-Artikolu XX 01 02***

Jekk ikun applikabbli, għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1

Kull FTE hu vvalutat għal 122.000 € għal kull FTE.

8.2.6. Nefqa amministrattiva oħra mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

	2010	2011	2012	2013	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0,243	0,248	0,253	0,258	1,002
XX 01 02 11 02 - Laqgħat u Konferenzi					
XX 01 02 11 03 – Kumitati	0,518	0,528	0,539	0,550	2,135
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet					
XX 01 02 11 05 - Sistemi ta' informazzjoni					
2. It-total ta' nefqa oħra ta' ġestjoni (XX 01 02 11)	0,761	0,776	0,792	0,808	3,137
3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika b'referenza għal-linja tal-baġit)					

Total tan-nefqa amministrattiva, għajr ir-riżorsi umani u n-nefqa assoċjata (MHUX inkluża fl-ammont ta' referenza)	**11,993**	**13,197**	**14,184**	**14,416**	**68,015**